**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**- vs -**
**Joseph Said ta' 61 sena iben Anthony u Carmela xebba Grech li joqghod Nru 8, Triq ix-Xlendi, Munxar, Ghawdex.**
**Karta ta' Identita' numru 15240 (G)**

Illum 10 t' Ottubru 2001.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli fl-24 ta' Gunju 2001 ghall-habta tas-2:10 a.m. bhala persuna li ghandha permess mill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jaghmilha ta' substitute fil-Grotta Discotheque li jinsab fi Triq Xlendi, Munxar u anke bhala l-persuna li f'idejha ghandha t-tmexxija ta' l-istess stabbiliment f'din id-diskoteka (1) haddem jew halla jew gieghel lil min ihaddem loud speaker, amplifikatur jew strument bhal dawn li minnu tohrog hsejjes ta' muzika, (2) aktar talli ghamel inkella gieghel jew halla li jsiru hsejjes daqshekk qawwija li dejjqu lid-detenturi jew lin-nies li joqghodu f'bini fil-qrib.

Semghet l-ammissjoni;

Fuq ammissjoni ssibu hati;

Rat l-artikoli 338 (gg) u (m) tal-Kap 9;

Tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25).

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur